**REGJUN XLOKK**

VALLETTA, BIRGU, ISLA, BORMLA, HAZ-ZABBAR, ZEJTUN, FGURA, FLORIANA, KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, PAOLA, HAL-TARXIEN, XGHAJRA.

**MINUTI**

**Laqgħa tar-Regjun Xlokk**

**Laqgħa Nru.** 86/2017 tat-Tieni Amministrazzjoni

Data: 20 ta' Frar 2017

Ħin: 18.30

Post: Ufficcju Amministrattivi tar-Regjun Xlokk, f' 97 Triq Santa Marija, Tarxien.

---

Preżenti:

***Chev Paul Farrugia** – President, Sindku Tarxien*
***Sur Lawrence Attard** - Kunsillier Birgu*
***Sra. Alison Zerafa** – Sindku Bormla*
***Sur Clive Pulis** – Vici Sindku Isla*
***Sra Speranza Chircop** – Sindku Kalkara*
***Sur Horace Gauci** – Sindku Marsaxlokk*
***Sur Steven Axisa** – Viċi Sindku Paola*
***Sur Anthony Valvo** – Sindku Xgħajra*
***Sna Antonella Galea** – A/Segretarju Eżekuttiv*

Skużati: Kunsill Lokali Zabbar

Assenti:
Kunsill Lokali Zejtun
Kunsill Lokali Fgura
Kunsill Lokali Floriana
Kunsill Lokali Marsascala

Għal din il-laqgħa kien preżenti wkoll l-Accountant tar-Reġjun is-Sur Ramon Cutajar MAZARS Ltd

---

## AĠENDA

86.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
86.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
86.3 Komunikazzjoni mill-President;
86.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tar-Rappreżentanti;
86.5 Rapporti :-
- *Approvazzjoni tat-Tieni u tat-Tielet Kwart tas-sena 2016;*
- *Approvazzjoni tal-Unaudited Financial Statements għas-sena 2016*

86.6 Performance Bonus għas-sena 2016 :
- *Ex-Segretarju Eżekuttiv*
- *Reġistratur*
- *Assistent Reġistratur*
- *Assistent Skrivan*

86.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
86.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**86.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġijia**

i. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kumitat Reġjonali li kienu bgħatu jinfurmaw sabiex ikunu skużati mill-laqgħa l-Kunsill ta' ZABBAR. Ittri ta' Apoloġija

i.i Il-Kumitat Reġjonali ħa nota u approva li jkun skużat mill-laqgħa l-Kunsilli ta' ZABBAR.

**86.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

i. Peress li l-Minuti tal-Laqgħat numru 77/2016 mizmuma fit-30 ta' Awwissu 2016 kienu ġew iċċirkolati minn qabel, il-President staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija u talab l-approvazzjoni tal-Kumitat.

Il-Kumitat approva l-Minuti, liema Minuti ġew iffirmati mill-President u mill-Agent Segretarju Eżekuttiv. Fil-Minuti ġiet miżjuda nota fejn hemm indikat li l-Minuti 77/2016 ġew ippreparati u fformulati mill-Ex Segretarju Eżekuttiv JOAN MANGION.

***Hawnhekk il-President talab sospensjoni mil-lista tal-Agenda sabiex jiġi diskuss item 86.5-Rapporti qabel item 86.3-Komunikazzjoni mill-President. Il-Kumitat qabel unanimament.***

**86.5** ***Rapporti :-***

- ***Approvazzjoni tat-Tieni u tat-Tielet Kwart tas-sena 2016;***
- ***Approvazzjoni tal-Unaudited Financial Statements għas-sena 2016***

i Il-President qal li r-Regjun kien hejja ir-Rapport Finanzjarju tas-sena 2016. L-Accountant tar-Reġjun, is-Sur Ramon Cutajar, minn Mazars, ta spegazzjoni dettaljata tar-rapport li kien qed iressaq. Huwa spjega kif ir-revenue generat mis-sistema tal-LES ghal perjodu mill-ewwel ta' Jannar sa l-ahhar ta Settembru 2015 meta il-LESA hadet f'idejha l-operat tas-sistema, kienet inbidlet minn waħda pożittiva għal waħda negattiva. Is-Sur Cutajar spjega li l-ammont taħt General Income kien jinkludi ir-rifuzjoni minn naħa tal-LESA tas-salarji ta' l-istaff tat-tribunal. Huwa spega kif matul din is-sena il-LESA kienet se tkopri l-ispejjez tal-operat tar-Regjun u it-Tribunal.

ii. Il-President is-Sur Paul Farrugia rringrazzia *lill-Accountant.* is-Sur Ramon Cutajar ta l-ispjega dettaljata li ta fuq *Unaudited Financial Statements flimkien mar-Rapporti tat-Tieni u Tielet Kwart.*

iii. Wara din l-ispjega, il-President għadda dawn ir-rapporti għall-approvazzjoni tal-Eżekuttiv u ġew approvati b'mod unanimu. Għaldaqstant il-Financial Statements u Rapporti tat-Tieni u Tielet Kwart ġew iffirmati mill-President tar-Reġjun u mill-A/Segretarju Eżekuttiv.

**86.3 Komunikazzjoni mill-President**

i. Il-President ta spjegazzjoni dettaljata x'kien qed jiġri fil-kaz tal-eks segretarju eżekuttiv Joan Mangion. U preċiżament li meta bdiet in office l-Agent Segretarju Eżekuttiv instabu dawn in-nuqqasijiet :-

- Kxaxen tal-iskrivanija msakkrin;
- cash boxes vojta u dan għalkemm kien issarraf ċekk għall-petty cash għall-valur ta' €200.
- Laptop u desktop computer illokjati b'password;
- l-internet banking key nieqsa;
- ċavetta tan-nightsafe nieqsa;
- nuqqasijiet fil-pagamenti.

Il-President informa lill-Kumitat li kien sar rapport dettaljat li kien għadda għand id-Direttur Gvern Lokali u kemm id-Direttur kif ukoll żewġ Uffiċċjali tad-Dipartiment responsabbli mill-Monitoring Unit ġew personalment l-uffiċċju u raw b'għajnejhom l-affarijiet. Ittieħdu ritratti skond il-bżonn u kif ukoll żied il-President jgħid li kemm hu kif ukoll l-A/Seg. Eżek. kienu marru u għamlu affidavit fejn ġew identifikati dawn in-nuqqasijiet kollha li sa dak il-jum kienu nstabu.

**i.i** Saret diskussjoni mill-Membri preżenti dwar dan u għaldaqstant ġie deċiż li l-Performance Bonus kemm tal-Ex Seg. Eżek. kif ukoll tal-impjegati jiġu diskussi f'laqgħa oħra.

ii. Il-President informa lill-Kumitat li kien ser jiġi organizzat seminar mill-Valletta 2018 nhar it-23 ta' Frar 2017. Seminar V18

iii. L-A/Seg. Eżek. fakkret lill-Membri li nhar it-22 ta' Frar 2017 fis-6:00pm fis-sala tal-Kunsill Lokali Paola kienet ser issir laqgħa relatata mal-korsijiet mogħtija mit-TCTC fil-Kunsill membri tar-Reġjun Xlokk. Laqgħa TCTC

iv. Is-Sindku Speranza Chircop semmiet li l-Kunsill Lokali tagħha, il-Kunsill Lokali tal-Kalkara, kien qed jibbenefika mis-servizz ta' Liason Officer. Din il-persuna kinet qed tieħu l-inkarigu li tivverifika xi ilmenti u/jew suġġerimenti mressqa minnhom. Il-Viċi Sindku Clive Pulis qal li anke il-Kunsill tiegħu l-Kunsill Lokali Isla kien qed jibbenefika mill-istess servizz. Liason Officer

v. Il-President spjega li kien attenda is-Summer għal-Seminar f'Bielefeld il-Ġermanja bejn l-14 u 18 ta' Frar 2017 relatat mal-programm CityMobilNet taħt il-Programm URBACT. Huwa spjega li relatat ma' dan il-Proġett kellhom isiru aktar laqgħat u li dawn kellhom isiru fil-pajjiżi parteċipanti. CITY MOBILNET

**86.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tar-Rappreżentanti;**

Ma kienx hemm mistoqsijiet mir-Rappreżentanti

**86.6 Performance Bonus għas-sena 2016 :** Performanc e Bonus

- ***Ex-Segretarju Eżekuttiv***
- ***Reġistratur***
- ***Assistent Reġistratur***
- ***Assistent Skrivan***

Ġie deċiż li dan l-item jiġi diskuss f'laqgħa oħra.

**86.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

i. L-Iskeda tal-Pagamenti giet approvata u giet iffimatata wkoll minn żewġ membri tal-Kumitat, mill-President u mill-A/Segretarju Ezekuttiv.

ii. Il-President informa lill-Kumitat li sa laqgħa oħra li jmiss ser jinħarġu u jibdew jintbgħatu xi pagamenti inkluż l-10% tal-LES dovuti lill-Kunsilli Lokali. Il-President issuġġerixxa u l-Kumitat preżenti unanimament approva li sa laqgħa oħra jinħarġu u jibdew jintbgħatu dawn il-pagamenti speċjalment l-10% dovuti lill-Kunsilli Lokali kif ukoll l-pagamenti oħra li ilhom dovuti għal dawn l-aħħar xhur u li wħud minnhom l-Ex Segretarju Eżekuttiv Joan Mangion ma kenitx ħalset.

**86.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

i. Il-laqgħa ntemmet fi 20:45hrs

ii. Laqgħa oħra ser tinżamm nhar it-Tnejn 20 ta' Marzu 2017 fis-18:30pm

**Iffirmat** **Iffirmat**

***Chev Paul Farrugia***
***President***

***Antonella Galea***
***A/ Seg. Eżek***